32000R2855

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2855/2000
tas-27 ta'Diċembru 2000
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2559/2000 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kollha kemm hi jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra relatati mal-kummerċ fil-prodotti.

(3) Bis-saħħa ta' l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda annessa mar-Regolament preżenti għandhom jiġu klassifikati taħt il-Kodiċi NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li, bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità relatati mas-sistema ta' verifika doppja u għal sorveljanza minn qabel u retrospettiva tal-Komunità tal-prodotti tat-tessuti dwar l-importazzjoni fil-Komunità, l-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati membri rigward il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma taqbilx mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], kif l-aħħar emendat mill-Parlament Ewropew u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2700/2000 [4], għal perjodu ta' 60 jum mid-detentur.

(5) Il-miżuri li hemm ipprovdut għalihom f' dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda annessa huma kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM xierqa indikati fil-kolonna 2 ta' l-iskeda msemmija.

L-Artikolu 2

Bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità relatati mas-sistemi ta' verifika doppja u għal sorveljanza ta' qabel u retrospettiva tal-Komunità tal-prodotti tat-tessuti wara importazzjoni fil-Komunità, l-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li ma taqbilx mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tkompli tkun invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' 60 jum.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Diċembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 293, tat-22.11.2000, p. 1.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[4] ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17.

L-ANNESS

Deskrizzjoni	Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Settijiet tat-twaletta mqassma mil-linji ta' l-ajru lill-passiġġieri (matul it-titjira tagħhom jew għad destinazzjoni tagħhom jekk il-bagalja tagħhom mhix disponibbli), li tikkonsisti f'basket rettangolari (bejn wieħed u l-ieħor 25x 16x 12 ċm) ġewwa miksi bil-plastik u jkollu fih kwantitajiet żgħar, għal użu limitat, ta' prodotti bħal:	4202 92 91	Klassifikazzjoni hija determinata min-Noti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-Kodiċi NM relevanti L-artikoli ma jiffurmawx sett ta' l-ivjaġġar personali tat-twaletta ta' titolu 9605 u lanqas ma jifformaw sett ta' Regola Ġenerali 3b (klassifikazzjoni separata ta' kull artikolu)
— flixkun 1 (40 ml) ta' sapun likwidu	3401 20 90	
— flixkun 1 (40 ml) body milk	3304 99 00	
— flixkun 1 (40 ml) ta' *eau de Cologne*	3303 00 90	
— xafra li tintrema bil-krema tal-leħja u fwieħa ta' wara l-leħja, ippakkjata fl-istess pakkett	9605 00 00	
— 1 xkupilja tas-snien	9603 21 00	
— 1 tubu tat-tutpejst	3306 10 00	
— 1 li inaddaf iż-żarbun	3405 10 00	
— 1 kit tal-ħjata	9605 00 00	
— 3 limi tad-dwiefer	6805 20 00	
— 1 moxt. tal-plastik	9615 11 00	
— 10 imkatar ta' matrerjal artab taċ-ċelloluża	4818 20 10	
— 1 xkupilja tal-ħwejjeġ	9603 90 91	
— 1 għadma taż-żarbun tal-plastik	3926 90 99	
— par papoċċi maħdumin bil-labra mingħajr qiegħ(100 % qoton)	6115 92 00	
— ingwanta tat-twaletta, ta' *terry towelling* jew *terry fabrics* simili (100 % qoton)	6302 60 00	
— par piġami maħduma bil-labra kemm ta' l-irgiel u tan-nisa, li jikkonsisti fi qmis tal-komma qasira (50 % polijestru/50 % akriliku) u parr xorts (100 %akriliku)	6109 90 30 6104 93 90	
2. Maqtugħa dritta, ħafifa, biċċa drapp maħduma bil-labra (100 % qotton), ta' kulur wieħed, bi print "La tqajjimx l-iljun ir-rieqed" u dekorativi oħra stampati fuq quddiem u fuq il-kmiem, sejjer 'l isfel għattul (tul totali ta' 90ċm) Għandha neckline mingħajr ftuħ, b'fibri maħdum bil-labra applikat, u kmiem qosra. Il-komma tintemm u fit-tarf t'isfel tad-drapp huwa imkeffef (libsa) (Ara ritratt Nru 604) (*)	6104 42 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir- Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 9 għal kapitolu 61 u l-kliem ta' kodiċi NM 6104 u 6104 6104 42 00 Ara wkoll in-Noti tan-Nomenklatura Magħquda u Spjegata għall-kodiċi NM 6104 41 00 sa 6104 49 00 Il-klassifikazzjoni bħala libsa ta' l-irqad hija esklużа, għax il-libsa inkwistjoni, mir-raġuni tal-karatteristiċi oġġettivi tagħha, tista' tiġi milbusa kemm fis-sodda u kif ukoll x'imkien ieħor u, għalhekk, mhux maħsub li tiġi milbusa esklussivament jew essenzjalment bħala libsa ta' bil-lejl Minħabba t-tul tal-libsa, ma tistax tiġi kklassifikata taħt kodiċi NM 6109

(*) Ir-Ritratti huma purament għall-informazzjoni.

Deskrizzjoni	Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
3. Maqtugħa dritta, ħafifa, biċċa drapp maħduma bil-labra (100 % qotton), ta' kulur wieħed, b'motiv dekorattiv u stampat "Il-Lejl It-Tajjeb" fuq quddiem, nieżel l isfel għannofs (tul totali tà 90ċm), u bi kmiem qosra Għandha linja fl-għonq tond mingħajr ftuħ, b'nofs ċirku mdaħħal fuq wara b'kulur differenti. Għandha wkoll tberfila applikata fuq materjal meħjut mil-labra fuq tarf il-komma magħmul minn kulur differenti imma ta' l-istess materjal. In-*neckline* u t-tarf tad-drapp għandhom kfief dekorattivi (libsa) (Ara ritratt Nru 605) (*)	6104 42 00	Klassifikazjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 9 għall- kapitolu 61 u l-kliem ta' kodiċi NM 6104 u 6104 6104 42 00 Ara wkoll in-Noti esplanatorji għall-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda għall-kodiċi NM 6104 41 00 sa 6104 49 00 Il-klassifikazzjoni bħala libsa ta' l-irqad hija esklużа, għax il-libsa inkwistjoni, mir-raġuni tal-karatteristiċi oġġettivi tagħha, tista' tiġi milbusa kemm fis-sodda u kif ukoll x'imkien ieħor u, għalhekk, mhux maħsub li tiġi milbusa esklusivament jew essenzjalment bħala libsa ta' bil-lejl Minħabba t-tul tal-libsa, ma tistax tiġi klassifikata taħt kodiċi NM 6109
4. Maqtugħa dritta, strajpjata, ħafifa, drapp maħdum bil-labra (60 % qotton, 40 % *polyester*), għal tifel li t-tul tiegħu huwa akbar minn 86 ċm (qies kummerċjali aktar minn 86), b'inskrizzjoni meħjuta "Ilbies ta' l-Irqad" u aktar rakmu fuq quddiem. Id-drapp imur 'l isfel għall-irkobba (tul totali 82 ċm) Għandha *neckline* tond bi tberfila applikata ta' materjal maħdum bil-labra bi ftuħ parzjali bil-buttuna tagħlaq mil-lemin għaxxellug, u kmiem qosra In-*neckline*, it-tmiem tal-komma u t-tarf tad-drapp għandhom tberfila applikata ta' fibri maħdum bil-labra b'tarf dekorattiv. It-tarf tad-drapp huwa kurvat u għandu qasma fit-tarf ta' bejn wieħed u ieħor 10 ċm twila (libsa għall-bniet) (Ara ritratt Nru 606) (*)	6104 42 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Generali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2(A) tat- Taqsima XI, in-nota 2(A) tas-sottotitolu sat- Taqsima XI, in-Nota 9 għall- Kapitolu 61 u l- kliem tal-kodiċi NM 6104 u 6104 42 00 Ara wkoll in-Noti esplanatorji għall-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda għall-kodiċi NM 6104 41 00 sa 6104 49 00 Il-klassifikazzjoni bħala libsa ta' l-irqad hija esklużа, għax il-libsa inkwistjoni, mir-raġuni tal-karatteristiċi oġġettivi tagħha, tista' tiġi milbusa kemm fis-sodda u kif ukoll x'imkien ieħor u, għalhekk, mhux maħsub li tiġi milbusa esklusivament jew essenzjalment bħala libsa ta' bil-lejl Minħabba t-tul tal-libsa, ma tistax tiġi kklassifikata taħt kodiċi NM 6109


(*) Ir-Ritratti huma purament għall-informazzjoni.


Deskrizzjoni	Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
5. Set ta' tliet ilbiesi għall-bejgħ magħmulin minn:		
(a) Libsa minsuġa ta' kulur wieħed b' fibri sintetiċi (100 % *polyamide*), maħsuba biex tkopri l-parti ta' fuq tal-ġisem tilħaq 'l isfel għall-ġenbejn (tul totali: 67 ċm), *b'lining* meħjut bil-labra Il-libsa għandha kullar *high-fitting*, bil-barnuża integrata, bi ftuħ komplut fil-bidu b'zip jagħlaq bi flapp protettiva tagħlaq mix-xellug għal-lemin bil-buttuni li jippressaw. Għandha kmiem twal jiġġebbdu u "Velcro" b'faċilità li tagħlaq it-tarf tal-komma. Għandha *drawstring* fil-kullar u elastiku fit-tarf tad-drapp. Għandha żewġ bwiet fuq ġewwa fuq qadd jingħalqu b'żipp u żewgt ibwiet fuq barra taħt il-qadd bi flappijiet protettivi jingħalqu bil-buttuni pressati. Hemm flappijiet stormjati fuq quddiem u fuq wara tad-drapp u faċilità li żżomm xi apparat ġewwa d-drappelastiku fit-tarf tad-drapp. (Anorak) (Ara ritratt Nru 607 A) (*)	6201 93 00	Il-klassifikazjoni hija determinata mir-Regoli Generali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 13 għat-Taqsima XI, Noti 3(b) u 8 għall-Kapitolu 62 u l-kliem ta' kodiċi NM 6201 A 6201 93 00 Meta tikkonsidra li dawn l-ilbiesi ma għandhomx l-istess kostruzzjoni tal-fibri, kulur u komponiment jew l-istess stil, ma jistgħux ikunu klassifikati bħala "*ensemble*" skond il-proviżjonijiet ta' nota 3(b) għall- Kapitoli 61 u 62 Ara wkoll in-noti esplanatorji għan- Nomenklatura Magħquda relatata għall- kodiċi NM 6201 91 00 sa 6201 99 00
(b) Libsa minsuġa ta' kulur wieħed b' fibri magħmula mill-bniedem, maħsuba biex tgħatti l-parti ta' fuq tal-ġisem tilħaq' l isfel għall-ġenbejn (tul totali: 67 ċm), *b'lining* parzjali fuq quddiem u l-idejnIl-libsa għandha kullar *high-fitting*, ftuħ quddiem b'żipp. Għandha kmiem twal jiġġebbdu fit-truf u *drawstring* fit-tarf tagħha. Il-libsa għandha wkoll żewġ bwiet fuq quddiem fil-livell tal-qadd li jingħalqu b'zipp magħmul minn qatgħa u pannelli meħjutin (*wind-jacket*) (Ara ritratt Nru 607 B) (*)	6102 30 90	Il-klassifikazjoni hija determinata mir-Regoli Generali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 13 għat-Taqsima XI, Noti 3(b) u 9 għall-Kapitolu 61 u l-kliem ta' kodiċi NM 6102, 6102 30 u 6102 30 90 Meta tikkonsidra li dawn l-ilbiesi ma għandhomx l-istess kostruzzjoni tal-fibri, kulur u komponiment jew l-istess stil, ma jistgħux ikunu klassifikati bħala "*ensemble*" skond il-proviżjonijiet ta' nota 3(b) għal Kapitoli 61 u 62 Ara wkoll in-noti esplanatorji għan- Nomenklatura Magħquda relatata għat- titolu 6102

(*) Ir-Ritratti huma purament għall-informazzjoni.

Deskrizzjoni	Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
(ċ) Qalziet b'kulur wieħed meħjut b'fibri sintetiċi (100 % polyamide), maħsub biex jgħatti l-parti t'isfel tal-ġisem jilħaq l-għaksa, *b'lining* meħjuta u żewġ bwiet fuq ġewwa Għandu ftuħ parzjali fuq quddiem b'zipp jingħalaq u buttuni jippressaw bi flapp jagħlaq mix-xellug għal fuq il-lemin Iż-żewġ saqajn ta' dan il-qalziet għandhom iż-żipp jagħlaq għal fuq it-tul kollu miksi bi flapp protettiva bil- "velcro" tagħlaq u tista tiġi marbuta fit-tarf minn "velcro" tat-tip strip (qalziet) (Ara ritratt Nr 607 Ċ) (*)	6203 43 19	Il-klassifikazjoni hija determinata mir-Regoli Generali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 13 għat-Taqsima XI, Noti 3(b) u 8 għall-Kapitolu 62 u l-kliem ta' kodiċi NM 6203 6203 43 u 6203 43 19 Meta tikkonsidra li dawn il-ħwejjeġ ma għandhomx l-istess kostruzzjoni tal-fibri, kulur u komponiment jew l-istess stil, ma jistgħux ikunu klassifikati bħala "*ensemble*" skond il-proviżjonijiet ta' nota 3(b) għall-Kapitoli 61 u 62

(*) Ir-Ritratti huma purament għall-informazzjoni.


Don't wake
the sleepy lion
30
40
50
60
70
80
90
100
604


GOOD NIGHT
30
40
50
60
70
80
90
100
605


10
20
30
40
50
60
70
80
90
606


607 A


607 B


607 C